MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2012

Appell Kriminali Numru. 205/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Raymond Coleiro**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Coleiro talli nhar-id 29 ta' Lulju 2010 u x-xhur ta' qabel ghall-habta tas-18.00hrs gewwa Swieqi:

(1) ikkaguna lil Valerie Coleiro u Nadine Coleiro biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghha, jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuni ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodici Kriminali;

(2) hebb kontra l-persuna ta' Valerie Coleiro u Nadine Coleiro sabiex jingurja, idejjaq jew sabiex jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor;

(3) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika, bi storbju, b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghas-sigurta` ta' Valerie Coleiro u Nadine Coleiro;

**3.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' April 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 251B, 339(1)(d), 338(dd), u 383(1) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Raymond Coleiro hati ta' l-ewwel (1) imputazzjoni u kkundannatu xahrejn prigunerija, u ddikjarat it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet preskritti;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Raymond Coleiro pprezentat fil-25 ta' April 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew alternattivament, f'kaz li l-Qorti ssib htija fil-konfront tieghu, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' xahrejn prigunerija u minflok tinfliggi piena alternattiva ghal dik karcerarja;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li ma setax jinstab hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali. Ma jirrizultax *course of conduct* biex tinsab htija fis-sens ta' l-imsemmi artikolu. Il-fatt li acceda fir-residenza tieghu u gie f'konfront ma' martu jista' jinkwadra taht xi disposizzjonijiet ohra tal-Kodici Kriminali.

Bintu Nadine Coleiro lanqas kienet id-dar dak il-hin izda cemplet lil ommha meta rat lil missierha hdejn id-dar. Anke jekk Nadine Coleiro bezghet bil-prezenza ta' missierha hdejn id-dar, dan l-incident sehh f'okkazjoni wahda. Inoltre huwa nforma lill-Pulizija bl-intenzjonijiet tieghu u kien anke ha parir minghand l-avukat tieghu jekk setax jersaq lejn id-dar. Imbaghad il-vjolenza kontemplata fl-artikolu 251B tirreferi ghal dik il-vjolenza li tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux li tigi effettivament kommessa. Hadd mill-Pulizija ma qal li l-appellant kien insubordinat jew vjolenti. L-appellant zied jghid li l-ewwel Qorti jidher li strahet fuq semplici allegazzjonijiet dwar agir precedenti ta' l-appellant; (2) li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-piena hija eccessiva u sproporzjonata.

**6.** L-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Il-Qrati tal-Appell kemm dik Inferjuri kif ukoll dik Superjuri ma jiddisturbawx id-diskrezzjoni ta' l- ewwel Qorti jekk kemm-il darba l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Din il-Qorti semgħet il-provi mill-ġdid u ezaminat l-affidavit ta' W.P.S. 110 M. Scicluna u l-okkorrenza relattiva.

**7. Valerie Coleiro** xehdet li fid-29 ta' Lulju 2010 kienet ghand habiba taghha meta cemplitilha t-tifla li kienet id-dar biex tghidilha li kien hemm xi hadd qed jipprova jidhlilhom id-dar. Qalet lit-tifla li kienet sejra u lil habibitha biex iccempel lill-Pulizija. Ftit wara regghet cemplitilha t-tifla biex tinfurmaha li kien dahal xi hadd u kien qieghed jipprova jiftah il-kamra tas-sodda. Eventwalment irizulta li kien l-appellant, li jigi zewgha, li kien tela' mal-faccata b'sellum u dahal fil-kamra tas-sodda minn got-tieqa. Ix-xhud qalet li ilhom hmistax-il sena ma jghixux flimkien u kien hemm bosta incidenti. Qalet li darbtejn ghamlilha l-*paint-remover* fuq il-karozza, faqaghlha l-*mudguard*, sparalha, kisrilha idejha, taha daqqa ta' flixkun, baghtilha l-*private investigators* warajha. Qalet li xebghet taghmel rapporti. Fil-gurnata in kwistjoni hi u l-appellant ma gewx wicc'imb wicc f'ebda hin. Il-Pulizija tal-*mobile squad* waslu fuq il-post maghha ezatt. L-appellant ma setax jidhol aktar 'il gewwa fid-dar ghax hi zzomm il-bieb tal-kamra tas-sodda msakkar. In kontro-ezami x-xhud qalet li d-dar in

kwistjoni kienet idd-ar matrimonjali. Hareg minn hemm b'arrest meta sparalha. Ittiehdu proceduri kriminali u hareg illiberat. Il-karta ta' l-identita` tieghu mhijiex fuq din id-dar. Ir-rapport ma haditux W.P.S. 110 ghax qalet li kwistjoni familjari izda mbaghad ix-xhud ipprezentat kwerela. Dwar il-*paint-remover* qalet li saqsietu minn fuq it-telefon ghalfejn kien ghamlilha hekk u hu wegibha: "Dak biex inkun cert fejn qieghda inti." Infurmat lill-Pulizija izda ma hadux passi kontra tieghu ghax qalulha li l-kelma taghha kontra tieghu. Minflok hadu passi kontra taghha ghax qal li kienet hedditu izda harget illiberata.

**8. Nadine Coleiro**, bint l-appellant, qalet li fid-29 ta' Lulju 2010 kienet id-dar u semghet hoss wara l-bieb ta' barra. Marret tittawwal u rat xi hadd tiela' ma' sellum imbaghad semghetu fil-kamra tas-sodda jipprova jiftah il-bieb. Hi bdiet tghajjat "min hemm?" Semghet lil din il-persuna tghajjat u tidghi u kif nizlet mas-sellum u ttawlet indunat li kien l-appellant li qabad is-sellum u telaq. Hija cemplet lil ommha biex tinfurmaha li kien hemm xi hadd fid-dar. Meta waslu l-Pulizija, missierha l-appellant, kien telaq. Ommha waslet fl-istess hin li waslu l-Pulizija. Imbaghad nizlu flimkien l-ghassa. Mill-ghassa ommha telqet ftit qabilha. Minn dakinhar qalet li beda jmur fuq il-post tax-xoghol taghha, il-Eurosport, u dan mhux darba jew tnejn. Jipprova jkellimha u hi ma taghtix kasu. Hi tibza' minnu ghax ghamlu ghaxar snin jghixu taht l-istess saqaf u huwa bniedem vjolenti. Qalet: "Jiena mhux just ma rridux jersaq lejja jew lejn il-familja tieghi, imma rrid il-protezzjoni, u dan il-bniedem mhux jiehu t-taghlima li ghandu bzonn u jibqa' jaghmel u ha jibqa' jaghmel jekk hemm bzonn ghax sa issa hadd ma waqfu. In kontro-ezami qalet li hi mwerwra minnu u fil-gurnata in kwistjoni hadet xokk. Meta kien jghix maghhom kien isawwatha. Dan kien hmistax-il sena qabel. Pero` meta tarah jiffolowjaha tibza'. Rapporti qatt m'ghamlitlu izda meta dahal id-dar "qabez il-linja".

**9. L-appellant** xehed illi qabel dakinhar kien ha parir minghand avukat jekk setax imur id-dar matrimonjali sabiex jigbor enciklopedija li kienet tatu ommu, u li ma setax johrogha mieghu meta harguh il-Pulizija fl-1996. Huwa nghata l-parir li seta' jmur izda kellu l-ewwel imur l-

ghassa biex jinfurmahom u jitlob li jkun akkompanjat minn pulizija. Huwa mar l-ghassa, infurmahom bl-intenzjoni tieghu, u l-pulizija li kellem qallu li biex ikellem lill-mara ma kienx hemm bzonn pulizija, u qallu biex imur ikellimha u jekk jigi bzonn xi haga jirritorna l-ghassa. Mar id-dar, cemepl il-qanpiena u ma wiegeb hadd, habbat il-bieb u ma wiegeb hadd, beda jghajjat l-ismijiet tat-tfal u tal-mara u ma wiegeb hadd, ipprova ic-cwievet li kien qafel id-dar bihom fl-1996 izda ma qablux.Qasam it-triq biex jara johrogx xi hadd mill-gallarija jew mit-tieqa, innota tieqa miftuha, u peress illi kellu sellum ta' siehbu fil-karozza ddecieda li jitla' bih mal-faccata biex jidhol mit-tieqa. Fil-fatt hekk ghamel izda meta dahal fil-kamra tas-sodda mit-tieqa sab il-bieb maghluq. Il-ftit sekondi li ghamel hemm ma ra u ma sema' lil hadd. Rega' hareg, halaq is-sellum, u mar l-ghassa. Kif qasal hdejn l-ghassa sab karozza tal-Pulizija ha ibda miexja. Habbtilhom mal-hgiega u lill-pulizija mara li kienet riekba passiggier qallha li kien mar ghalxejn. Saqsietu fejn kien mar u meta qallha, talbitu jsuq warajhom ghax kien dahlilhom rapport u li hemm toqghod it-tifla tieghu biss. Saq warajhom. Il-Pulizija bdew icemplu u jhabtu fuq il-bieb izda ma wiegeb hadd. U hadd ma wiegeb it-telefon li tieghu tahom in-numru. Saqsewh kif kien tela' u wiegeb li bis-sellum. Il-pulizija mara talbit l-ID, hadet xi notamenti u qaltlu biex jekk jigi bzonn xi haga jirritorna l-ghassa. Huwa pogga fuq bank tal-gebel li hemm fil-parapett tad-dar. Xi kwarta wara gew il-mara u t-tifla, il-mara saqsietu x'inhu jaghmel hemm u qallha li kien mar ghall-enciklopedija. Hi qaltlu li mhux suppost jersaq 'l hemm, infrumaha bis-sentenza li kienet inghatat u qallha li se jibaghtilha kopja. Dwar l-encklopedija qaltlu li ma kinitx hemm, dahlet iggib karta u lapes sabiex tikteb in-numru tal-*mobile* tieghu. Sadattant qabad ikellem lil bintu dwar jekk ssuqx u jekk ghandhiex karozza. Hi qalet li ma ssuqx u li ma kellhiex karozza, u offrielha wahda minn tieghu izda rrifjutat. Martu harget u qalet li ma kinitx sabet karta u lapes u bintu nizlet in-nmru fuq taghha. Il-laqgha bejniethom kienet kordjali. Wara ftit granet martu cemplitlu u mar jigbor l-enciklopedija. Issuggerietlu li jiltaqghu f'xi restaurant jiehdu kafe` u wara ftit granet cemplitlu u ftehmu biex jiltaqghu. Hija nfurmatu li kien sar nannu. Saru arrangamenti biex jarah flimkien mal-missier ghax

iz-zewg uliedu bniet ma ridux jafu bih skond kif qaltlu martu. Wara xi zmien kien id-dar u tfacat bintu Claudia li rrakkontat minn x'hiex kienu ghaddew minn meta ma baqax id-dar, u li kien differenti minn dak li kienet irrakkontatlu martu. Meta cemplitlu martu, ikkonfrontaha b'dak li kienet qaltlu Claudia, qatghetlu t-telefon u m'ghamlitx izjed kuntatt mieghu. Dan kien ghall-habta ta' l-Indipendenza ta' l-2010. Kien gej il-Milied ta' dik is-sena u shabu haduh il-Europsort u xtrawlu *track-suit*. Meta gew biex ihallsu lemah it-tifla l-kbira wara l-counter iozda hi daret wiccha u hu ghamel bhalha. Fit-18 ta' Jannar 2011 ircieva c-citazzjoni. Id-dar fejn ipprova jidhol hija d-dar matrimonjali u ma ghandu l-ebda impediment biex ma jersaqx lejn id-dar. Ma hemm ebda kawza ta' separazzjoni pendenti. Il-Pulizija qatt ma baghtu ghalih dwar tfiegh ta' actu fuq il-vettura ta' martu. Huwa kien impedut milli jkellem lil martu minn meta bdiet il-kawza fl-1996 sakemm inqatghet fil-15 ta' Gunju 2010. In kontro-ezami cahad li qatt ammetta li kien tefa l-actu fuq il-karozza taghha. Mill-imputazzjoni li spara fuq martu gie lliberat bis-sentenza moghtija mill-Magistrat Apap Bologna fil-15 ta' Gunju 2010. Instab hati fuq pussess ta' arma. L-appellant cahad ukoll li huwa qieghed isegwi lil martu u lil bintu. Huwa joqghod il-Fgura filwaqt li martu qed toqghod Bir id-Deheb. Imur Birzebbuga fejn tnejn minn shabu ghandhom, wiehed yacht u l-iehor catamaran u jghinhom billi jaghmlilhom l-hjata. Xi bzonnijiet jixtrihom minn hanut li hemm Bir id-Deheb u liema hanut huwa bieb ma' bieb ma' fejn toqghod martu. Huwa cahad li meta dahal fid-dar beda jidghi.

**10.** Bl-ewwel imputazzjoni mela l-appellant gie akkuzat li nhar-id 29 ta' Lulju 2010 u x-xhur ta' qabel ghall-habta tas-18.00hrs gewwa Swieqi kkaguna lil Valerie Coleiro u Nadine Coleiro biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghhom. Mix-xiehda li ghaliha saret referenza fil-paragrafi precedenti huwa evidenti li fix-xhur ta' qabel id-29 ta' Lulju 2010 ma rrizulta l-ebda incident. L-incidenti li ghalihom jirreferu Valerie Coleiro u Nadine Coleiro graw mill-anqas hmistax-il sena qabel. Imbaghad il-fastidju li talludi ghalih Nadine Coleiro meta tghid li l-appellant beda jmurilha fuq il-post tax-xoghol, sehh wara

d-29 ta’ Lulju 2010. L-uniku incident rizultanti mill-provi, almenu ghall-perijodu msemmi fic-citazzjoni, huwa dak tad-29 ta’ Lulju 2010 meta l-appellant ghazel li jidhol fid-dar matrimonjali b’mod xejn ortodoss wara li ma wiegbu hadd meta cempel u habbat fuq il-bieb ta’ barra u lanqas ma rnexxielu jiftah bic-cwievet li kellu. Del resto mill-fedina penali ta’ l-appellant u mix-xiehda li taw martu u bintu ma jirrizulta li kien hemm ebda incident mill-1996 u dak li kienu qeghdin jixhdu dwaru kien jirrisali ghal aktar minn hmistax-il sena ilu.

**11.** Issa, l-artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi:

**“251B. (1) Persuna li l-imgieba taghha tikkaguna lil haddiehor jibza’ li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun hatja ta’ reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imgieba taghha se tikkaguna lil xi haddiehor hekk jibza’ kull darba minn dawk l-okkazjonijiet, u tista’ tehel il-piena ta’ prigunerija ghal zmien minn tliet xhur sa sitt xhur jew multa ta’ mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u hamsin euro u hamsa u sebghin centezmu (4,658.75) u mhux izjed minn hdax-il elf u sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87), jew dik il-multa u prigunerija flimkien.**

**(2) Ghall-finijiet ta’ dan l-artikolu, il-persuna li l-imgieba taghha tkun wahda dubjuza jmissha tkun taf li tkun se tikkaguna biza’ f’haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrih f’xi okkazjoni jekk persuna ragonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza’ fil-persuna l-ohra f’dik l-okkazjoni.**

**12.** Biex ikun hemm htija taht l-artikolu 251B irid ikun hemm *a course of conduct* kif juri l-kliem **“lil xi haddiehor hekk jibza’ kull darba minn dawk l-okkazjonijiet”**. Jista’ jkun hemm aktar minn okkazjoni waħda fl-istess jum u

ghalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta wahda. F'dan il-kaz kien hemm incident wiehed fid-29 ta' Lulju 2010, filwaqt illi incidenti ohra li dwarhom xehdu Valerie Coleiro u Nadine Coleiro jirrisalu ghal madwar hmistax-il sena qabel. Difficilment ghalhekk fil-proceduri odjerni wiehed jista' jitkellem dwar *a course of conduct*. Dan ma jfissirx illi l-appellant seta' jaqbad u jidhol fid-dar imsemmija bil-mod kif dahal. Difatti, ghalkemm jghid illi nghata l-parir legali li seta' jidhol, ma nghatax parir li seta' jidhol mit-tieqa u anzi nghata l-parir li jkun akkompanjat mill-Pulizja. Ghalkemm jghid illi dik kienet id-dar matrimonjali, huwa kien ilu li telaq, jew inhareg, minnha mal-hmistax-il sena qabel u zgur ma kellux id-detenzjoni ta' dik id-dar – irrispettivament minn kwalunkwe titolu li ghandu jew li jista' jkollu skond il-ligi. M'hemmx dubju difatti illi huwa, bl-agir tieghu, gie li kiser id-disposizzjoni ta' l-artikolu 340(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta` detenuta minn martu u bintu. Din il-kontravvenzjoni tista' titqies kompriza u nvoluta fir-reat kontemplat fl-artikolui 251B imsemmi u b'hekk l-appellant se jigi dikjarat hati ta' din il-kontravvenzjoni.

**13.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel imputazzjoni u in kwantu kkundannatu xahrejn prigunerija u ghalhekk tiddikjarah mhux hati ta' dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah, izda ssibu hati tar-reat kompriz u nvolut f'dik l-imputazzjoni, u cioe` talli fid-29 ta' Lulju 2010 ghall-habta tas-6.00 p.m. gewwa s-Swieqi bi hsara ta' Valerie Coleiro u Nadine Coleiro, detenturi tal-fond 4, Valerie, Triq l-Ispiera, Swieqi, ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta` bi ksur ta' l-artikolu 340(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tikkundannah ghall-hlas ta' l-*ammenda* massima ta' tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23) u inoltre, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-appellant b'obbligazzjoni tieghu nnifsu ghall-perijodu massimu ta' tnax-il xahar skond l-istess artikolu 383 li ma jimmolesta b'ebda mod lil Valerie Coleiro u lil Nadine Coleiro taht penali ta' elfejn euro (€2,000) fin-nuqqas, liema obbligazzjoni ghandha ssir bil-mod infraskritt.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------